# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001

**Seduta Nru.IV (G)**
**Illum il-Gimgha, 12 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru: 167/00 NA (G)**

**Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech)**

**vs**

**Joseph Debrincat iben Lawrence u Mary xebba Grech**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Marzu 2000 l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali akkuzat illi fil-15 ta' Jannar 2000 ghall-habta tal-11.30 a.m. fi Triq Palma Rabat, Ghawdex, hedded tlett persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi b'sentenza tal-21 ta' Gunju 2000, l-Ewwel Onorabbli Qorti wara li rat l-imputazzjoni kontra l-imputat, semghet il-provi bil-gurament, semghet is-sottomissjonijiet ta' l-imputat u ezaminat il-gurisprudenza citata mid-difiza, stante li l-akkuza rrizultat ippruvata sabet lill-imputat hati, rat l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 u kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00).

Fit-tlieta ta' Lulju 2000 l-appellant odjern pprezenta rikors ta' Appell fejn wara li ghamel riferenza ghall-akkuza migjuba kontra tieghu w is-sentenza li nghatat kontrih espona li hassu ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona umli appell mil-istess.

Illi skond l-appellant il-fatti fil-qosor kienu illi tlett membri tal-korp tal-pulzija taw *ticket* lill-oht l-imputat talli din dahlet gewwa Palm Street, Victoria, Ghawdex f'hin ipprojbit. L-imputat, li kien f'hanut li ghandu fl-istess triq, x'hin ra x'gara hareg mill-hanut u qal lill-Pulizija li ghamlu sew li taw it-*ticket*, imma messhom jaghmlu dan ma' kulhadd u qalilhom issa narawha din.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli dan il-kliem bl-ebda mod ma jammonta ghal oltragg skond l-Artikolu 95 tal-Kap. 9.

Illi t-tlett membri tal-Korp telghu jixhdu illi l-imputat qalilhom inpattihielkom filwaqt li l-imputat cahad kategorikament li qal din il-kelma. Izda milli jidher l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni tal-Pulizija. Hija xi haga tabilhaqq stramba kif l-imputat, li huwa bniedem edukat u ta' l-affari tieghu, u li qatt ma kellu x'jaqsam ma' Pulizija, ghazel, skond il-Qorti, li jhedded tlett membri tal-Korp tal-Pulizija prezenti flimkien. Minn naha l-ohra jista' jkun illi l-azzjoni odjerna saret bhala reazzjoni ghar-rimostranza ta' l-imputat, u kemm-il darba hemm dan id-dubju ragjonevoli, l-imputat ghandu jigi liberat.

Illi skond kif ighallem il-Maino, l-oltragg ma ghandux jigi konfuz mas-semplici rimostranza. Dottrinalment, it-teorija ta' l-ubbidjenza passiva quddiem l-ghemil abbuziv u prepotenti ta' ufficjal pubbliku hija respinta u ghalhekk ir-reazzjoni spontanea u momentarja da parti tal-persuna koncernata hija ammess, purke l-imputat ma jkun ittrasmoda f'eccessi li ma kienux mehtiega. Certament li l-imputat odjern ma ghamel xejn minn dan. Kull ma ghamel l-imputat hu li rreagixxa ghax deherlu, anke jekk soggettivament, li ohtu kienet vittma ta' diskriminazzjoni. Indipendentement minn jekk fil-fatt dan kien minnu, "*la ragionevole credenza di essere stato vittima di un att arbitrario da parte del pubblico ufficiale scagiona l'imputato di oltraggio*" (Gpa sul Cod. Penale, Ugo Conti, Art. 194, para. 163 ikkwotatat fi "Pulizija vs Frank Attard", Appell Kriminali - Imhallef Onor. William Harding, 29 ta' Marzu 1958). Zgur li ma giex ippruvat mill-proskeuzzjoni li kellu l-*animus iniuriandi*. Kliem bhal "issa naraw" (u anke inpattihielek) ma jfissirx necessarjament li min lissinhom sejjer jikkommetti xi atti llegali konsistenti f'xi vendikazzjoni jew vendetta. Jista' jkun illi jkun sejjer jiehu azzjoni rimedjali skond il-ligi, billi per ezempju jaghmel rapport opportun lill-ufficjali oghla, bhall-Kummissarju tal-Pulizija. U l-kelma trid tittiehed fil-kuntest ta' l-okkazzjoni. Di piu' l-kelma li lissen l-imputat mhix per se wahda ta' theddid, u ghalhekk sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova li ntqalet mill-agent bl-iskop ta' intimidazzjoni (Appell Kriminali "Pulizija vs Amante Camilleri" 17 ta' Ottubru 1997 Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano) - haga li l-prosekuzzjoni manifestament naqset li taghmel.

Ghal dawn ir-ragunijiet u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li setghu jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' l-Appell, filwaqt li interpona appell mis-sentenza tal-21 ta' Gunju 2000 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi, u ghamel riferenza ghall-atti tal-kawza u tal-provi prodotti, l-appellant talab bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflokha tillibera lill-imputat min kull imputazzjoni u htija.

Quddiem din il-Qorti xehed PS 1450 Mario Rotin li kkonferma li dak in-nhar flimkien ma' zewg Pulizija ohra kienu taw *ticket* lill-oht l-imputat u kif l-imputat ra dan l-istess imputat resaq lejhom u kellimhom. Dan ix-xhud xehed li kif taw it-*ticket* "*ftit wara hareg Joseph Debrincat minn go hanut faccata u qalli 'Lil ohti tahtha ticket imma tigi tieghek. Qalli t-tlieta li inthom tigi taghkom.*'"

Xehed ukoll PC 1276 Martin Muscat li qal li wara li oht l-appellant inghatat *ticket* resaq lejhom l-appellant u qallhom "*taghkom ghadha gejja*" u fuq mistoqsija dwar jekk hassux mhedded b'dan il-kliem huwa wiegeb li "*meta ighidlek xi hadd hekk stenna xi haga hux.*"

Xehed ukoll PC 1397 Paul Xerri li dwar l-istess incident qal li l-appellant indirizzahom u qallhom "*it-tlieta tigi taghkom. Taghtu lil min tridu.*"

Fl-ahhar xehed l-appellant li qal illi meta l-Pulizija taw *ticket* lill-ohtu huwa avvicinahom u qallhom "*ghamiltu sew li tajtuha ticket ghax kisret il-ligi.*" Huwa xehed li lill-Pulizija "*fahharthom lilhom mhux kif qalu huma li jiena bdejt nghajjat maghhom jew hekk.*" Huwa qal li l-kliem "*issa naraw*" qallhom ghax skond hu l-Pulizija ma kienux qed jittrattaw lil kulhadd l-istess u qallhom dan il-kliem "*biex jekk jigri xi haga nsemmihielu aktar tard.*" Fuq mistoqsija mill-Qorti dwar x'ried ifisser bil-kliem "*issa naraw*" l-imputat wiegeb: "*Xejn, dik biss jekk accidentalment jinqala' xi haga jew jekk, insemmi dan il-kaz fejn hemm bzonn li lill-ohti tawha ticket u lil haddiehor ma tawhx ticket, pero' l-bqija jigifieri mhux b'xi theddid jew hekk.*" L-istess imputat baqa' jinsisti li kull ma qal lil Pulizija huwa "*issa naraw*".

Mhuwiex kontestat illi fil-15 ta' Jannar 2000 l-imputat avvicina lill-Pulizija wara li l-istess taw *ticket* lill-ohtu. Mhuwiex ikkontestat lanqas li l-istess imputat qal xi kliem fil-konfront ta' l-istess Pulizija. Allura sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha l-ewwel li trid tistabilixxi huwa x'kien il-kliem li effettivament intqal mill-imputat lill-Pulizija u imbaghad tara jekk dan il-kliem jikkostitwix theddid - liema theddid ikun sar bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni tas-servizz taghhom.

Jezisti konflitt bejn dak li xehdu l-Pulizija u dak li xehed l-imputat dwar il-kliem li effettivament intqal. It-tlett Pulizija li xehdu lkoll qalu li l-kliem li ntqal fil-konfront taghhom kien fis-sens li "*tigi taghhom*" filwaqt li l-imputat xehed li kull ma qallhom huwa "*issa naraw*". Il-Qorti hija tal-fehma illi x-xhieda tal-Pulizija kwantu dak li jirrigwardja li ntqal hija aktar kredibbli u verosimili. Il-Qorti ma tarax ghala l-Pulizija kellhom jivvintaw il-kliem li sar fil-konfront taghhom mill-imputat meta mill-istess xhieda rrizulta illi l-Pulizija bilkemm kienu jafu min hu l-imputat. Fic-cirkostanzi allura l-verzjoni ta' l-imputat dwar il-kliem li ntqal ghandha tigi meqjusa f'dan id-dawl u ghandhom jigu emnuti l-Pulizija.
Li allura trid tiddeciedi f'dan l-istadju din il-Qorti huwa jekk il-kliem "*tigi taghkom*" jammontax ghal kliem ta' theddid u allura jinkwadra fl-akkuza li biha gie akkuzat l-imputat. Fil-fehma tal-Qorti dan il-kliem jikkostitwixxi theddid u dan aktar u aktar meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-kuntest li fih intqal. Huwa zgur illi l-attitudini ta' l-appellant ma kenitx wahda amikevoli. Anzi kienet wahda li biha wera d-disapprovazzjoni ghal dak li kienu ghadhom ghamlu l-istess Pulizija lill-ohtu. Indubbjament lill-imputat ma ghogbux il-fatt illi l-Pulizija kienu qed jaqdu dmirhom meta taw *ticket* lill-ohtu u r-reazzjoni ghal dan kien li qallhom il-kliem "*tigi taghkom*" bhala theddida illi xi darba huma jridu jpattu ghal dan l-eghmil taghhom.

Jigi rilevat ukoll illi, kontra dak li ntqal fir-rikors ta' l-appell, l-eghmil tal-Pulizija bl-ebda mod ma rrizulta bhala "*abbuziv u prepotenti*". Ghalhekk bl-ebda mod

ma huwa ggustifikat li wiehed jikkonkludi li l-kliem ta' l-imputat kienet wiehed "spontaneju u momentarju" u dirett kontra din il-prepotenza. Fl-ebda mument ma rrizulta anqas li l-imputat b'xi mod kien jew seta' jemmen li kien "*vittma di un atto arbitrario da parte del pubblico ufficiale*".

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tabqel ma' dak sottomess mill-Avukat Generali fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi s-soluzzjoni ta' dan l-appell jirrizulta mill-fatti li gew ippruvati u mhux minn kwistjonijiet legali. Dan iwassal lil din il-Qorti biex tichad l-appell u tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju 2000.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur